**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 15**

**Appell Nru: 73/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Denise Mula )**

**Vs**

**VICTOR HILI**

**Illum, 24 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Victor Hili talli fil-11 ta'Gunju, 2000, ghall-habta tal-20.30 p.m., fi Triq il-Linja, kantuniera ma' Triq Azzopardi, Birkirkara, saq vettura numru DAN 015, (**1**) b'manjera traskurata, (**2**) perikoluza, (**3**) naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal li jindika 'stop', (**4**) b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini u b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, habat ma'vettura numru TMP 001, u nvolontarjament ikkaguna offizi ta'natura gravi fuq il-persuna ta'Lawrence Buontempo, skond kif iccertifika Mr. James Galea ta' l-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta'April, 2001, li biha ma sabetx lill-Victor Hili hati ta' dawn l-akkuzi w, ghalhekk, illiberatu minnnhom.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 19 ta'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija fl-appellat Victor Hili fl-akkuzi dedotti kontrih, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant Avukat Generali, l-ewwel Qorti erroneament interpretat dak li jinkombi fuq kull sewwieq dwar 'a proper look out'.

Illi mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti, l-appellat 'ex admissis' stqarr li meta kien qed javvicina triq principali waqt li hu kien ghaddej fi triq sekondarja, waqaf fuq l-'istop sign', izda strah esklusivament fuq il-mera li kien hemm fl-inkrocju tat-toroq minghajr ma hares fuq ix-xellug tieghu minn fejn setgha kien hemm traffiku gej. Meta minn din il-mera ma ra l-ebda traffiku gej, hu pproceda fit-triq tieghu, meta imbaghad habat ma' mutur li kien gej minn fuq ix-xellug tieghu.

Din l-istqarrija ta' l-appellat fiha nnifisha hija bizzejjed biex tinkriminah ghaliex, kif hu ben saput, hu l-obbligu ta' kull sewwieq li meta jasal f'salib it-toroq, hu jieqaf u jesplora it-toroq sewwa billi ihares fuq kull naha tieghu biex jara jekk kienx hemm traffiku gej. Jigifieri, jaghmel dak kollu li jirikjedi 'a proper look out' minn kull sewwieq.

F'dan il-kaz, l-appellat strah biss fuq il-mera li qedha hemm semplicement biex tghin jew tassisti lis-sewwieq juza diligenza aktar mis-solitu. L-appellat mhux gustifikat li serrah rasu fuq dak li seta' jara mill-mera biss, ghaliex kif hu saput, mera qatt ma tista' tghati l-ahjar vizwali ta' kull ma qed jigri fit-triq. Jibqa' dejjem l-obbligu fuq kull sewwieq li jesplora t-triq biex jara jekk hemmx traffiku gej.

F'dan il-kaz, il-vizwali tal-mera in kwistjoni ma kienetx tinkwadra lis-sewwieq l-iehor li kien gej isuq mutur f'triq principali, fuq ix-xellug ta' l-appellat, bil-konsegwenza li, kif qal l-appellat stess, ma kienx rah, u b'hekk saret il-habta li taghha indubjament huwa unikament responsabbli l-appellat. B'dana kollu, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan ma kienx xi sewqan perikoluz da parti ta' l-appellat, izda wiehed traskurat biss.

Hu car hafna, mela, li l-ewwel Qorti interpretat hazin dak li jiddisponu r-regolamenti tat-traffiku.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Generali billi filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn l-appellat gie liberat mill-akkuza ta'sewqan perikoluz, qed thassarha w tannullaha fil-bqija taghha, tiddikjara w ssib htija fl-appellat Victor Hili fl-akkuzi kollha bl-eccezzjoni ta' dik ta'sewqan perikoluz, u konsegwentement tikkundannah komplessivament mitt lira Maltin (Lm100) Multa li hu ghandu jhallas fi zmien gimgha mil-lum, konvertibbli fi prigunerija f'kaz ta'nuqqas ta'pagament kif ordnat.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur